Kunsill Lokali L-Imsida

# Laqgħa Pubblika 15 ta' Diċembru 2022.

## Introduzzjoni

Matul is- sena 2022, il-Kunsill Lokali tal-Imsida kompla jaħdem fuq il- programm ta' proposti ġodda jew imġedda waqt il- laqgħa pubblika li saret fl- 14 ta' Diċembru 2021 għalhekk dan huwa kontinwazzjoni u estensjoni tal-programm ta'ħidma propost fit- 30 ta' Settembru 2019. Minkejja il- Covid 19 li baqgħa persistenti u kompla jimponi numru ta'restrizzjonijiet sa April 2022, il-kunsill Lokali xorta ra kif fejn huwa possibbli jwettaq l-ħidma tiegħu fejn jidħlu servizzi u operat.

Ghalkemm minħabba l-istess raġunijiet msemmija ma setax jkun hemm kontroll fuq kollox, xi wħud mill- pjanijiet mfassla sa mill-programm ta' ħidma għas-sena 2020 li kienu posposti xorta waħda għadhom pendenti għax ma' setgħux jkunu mwettqa jew kienu limitati minħabba din is-sitwazzjoni kif se jkun spjegati aktar fid-dettal l' quddiem.

Bħal kull sena l-akbar tħassib mir-residenti huwa li jikkonċerna s-sitwazzjoni ta' toroq lokali li ma jifilħux għal numru ta' traffiku, inġenji tqal u tqegħid ta' servizzi ġodda biex jagħmlu tajjeb għal bżonnijiet tal-bini. Matul din il-leġislatura, l-kunsill baqa' jaħdem biex jitlob jew jipproponi lil Infrastructure Malta biex ssir xogħol ta' rikostruzzjoni jew ta' emerġenza go bosta toroq li huma fi stat ħażin. L-istess bħal snin preċedenti l- Lokalità għada qed tara volum ta' permessi għal żvilupp ta' bini li baqa' xorta għaddej b' ritmu normali.

Bl-istess mod ta' kejl wieħed irid jikkunsidra li meta l- Lokalità tara aktar bejgħ jew kiri ta' propjetà' dan ifisser li r-residenti jizdiedu u d- domanda għas- servizzi tikber. Fost dawn hemm il- ġbir ta' skart fejn għadu qed jkun hemm nuqqas ta' kooperazzjoni minn fost xi residenti li ma josservawx il- ħinijiet li suppost joħroġu l-iskart b' boroż u materjal ieħor, qed jibqgħu barra fit- toroq għal ħinijiet twal, li ma jagħmel xejn tajjeb kemm għal iġjene kif ukoll għad- dehra ta' din il-Lokalità'. Wieħed jawgura li bl- introduzzjoni tal- iskeda nazzjonali ġdida għal ġbir ta 'skart domestiku u l-miżuri oħra li se jkunu implimentati matul is-sena 2023 iwasslu għal titjieb aħjar mis- sitwazzjoni preżenti.

Għad hemm abbużi oħra li huma karatterizzati minn nuqqas ta' dixxiplina, minn xi kuntratturi jew l- impjegati tagħhom meta jonqsu li jirrispettaw ir- regolamenti tal- bini jew oħrajn bħal tlajjar minn gruppi ta' individwi li qed joħloq inkonvenjenza go numru ta' toroq fil- Lokalità.

Matul is- sena kurrenti l- Kunsill kompla bi sforzi ma jieqfu xejn biex jkunu indirizzati dawn l-abbużi. Għalhekk kellu bosta laqgħat mal-pulizija, LESA u ERA biex jkun hemm aktar koordinazzjoni fuq kif jsiru rapporti għal azzjoni ma' kuntratturi jew residenti li jikkawżaw inkonvenjenza jew jonqsu milli josservaw l- ambjent tal-Lokalità. Għal dan il- għan il- kunsill qed jaħdem biex fil- lokal ikun introdott is- servizz mill- pulizija tal- komunità.

Kif spjegat qabel għalkemm kien hemm restrizzjonijiet minħabba il- Covid 19, il-kunsill lokali xorta fejn kien possibbli ħa numru ta' inizjattivi għal attivitajiet soċjali, kulturali u edukattivi ma’ diversi għaqdiet jew entitajiet jew NGO’s. Għalkemm kien hemm ukoll pjanijiet li ġew posposti sakemm ikun prudenti biex il- kunsill jkompli jwettaq il- proposti mfassla għal matul din il- leġislatura.

Sar ukoll xogħol ieħor li fost dawn hemm parteċipazzjoni aktar miftuħa fejn tidħol l-inklużjoni, servizzi ta' tagħlim, aktar aċċess għal nies bi bżonnijiet speċjali, sports u kultura. Ma dawn kien hemm proposti oħrajn bħal miżuri leġislattivi.

Matul is- sena kurrenti kompliet il- ħidma fuq emendi ghall- *Bye Law* dwar l- użu tal-iskall. Fost il- proposti aktar diskussi kien hemm bosta miżuri amministrattivi biex lrażżan lill min qed jagħmel abbuż li jmorru lil hemm mill- Iskop ewlieni tal- iskall u fl- Istess ħin jassigura li dan jkun qed jintuża b' mod responsabbli skond kif tiddisponi l- Istess *Bye Law*.

**Tfassil għal pjan ta Ħidma**

Waqt il- laqgħa pubblika tal- 14 ta'Diċembru 2021, il- kunsilliera komplew ifasslu numru ta' proposti li huma konformi mal- funzjonijiet tal- kunsill lokali, biex ikunu kunsidrati jew imġedda għal -programm ta' xogħol ta' din il- leġislatura

Dan kompla matul is-sena 2022 permezz ta'diskussjoni bejn il- kunsilliera waqt is-seduti tal- kunsill fejn bosta mir- responsabiltajiet tagħhom huma relatati. Matul is-seduti jkun hemm diskussjoni miftuħa dwar ix- xogħol li qed ssir jew li jwasslu għal numru ta' proposti biex jiġu preżentati u nklużi fil-pjan ta' ħidma għal din il-leġislatura.

**Skop għal- Laqgħa Pubblika**

Din il- laqgħa pubblika qed tissejjah biex tagħti tagħrif dwar il- progress jew liema huma dawk il- proposti li ġew mwettqa (Tabella 1) filwaqt li tkompli ġġedded jew tipproponi proposti ġodda (Tabella 2 ) biex jiġu preżentati hekk kif deskritt aktar l’ quddiem. Dawn huma l- bażi għal konsultazzjoni aktar miftuħa mar- residenti li jistgħu jipparteċipaw u jippreżentaw anke il- proposti tagħhom għal kunsiderazzjoni u tkomplija ta' tfassil ta' Pjan ta’ Ħidma li jkun fil -qafas tal- funzjonijiet tal- kunsill lokali u jilħaq l- asspettativi tar- residenti.

## Tabella 1 (Proposti ġodda jew imġedda waqt il-laqgħa pubblika tal-14 ta'Diċembru 2021)

| Sena ta' laqgħa pubblika Proposta | Status | *Proposti preżentati waqt laqgħa pubblika* | *X'sar matul is-sena 2022)* |
|---|---|---|---|
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Konkluża 2022 | 3. kampanja edukattiva dwar l-iskart u fuljetti ġodda | Saru bosta posts fuq il- midja soċjali dwar l-iskeda u materjal ieħor imniedi minn Wasteserv u GreenPak bħal Gwida għas-separazzjoni aħjar ta' iskart |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 4. tiżdied l-iskeda tal- knis b' aktar ġranet | Saret sejħa għas-servizz b' offerta - Numru ta' referenza: KLMsd/TDR/01/2022 fejn l-iskop ta' dan il- kuntratt huwa li jipprovdi minimu ta' ħames kenniesa biex jingħata servizz aħjar lir- residenti fi ħdan il- konfini tal- Kunsill Lokali L-Imsida b' livell ta' standard għoli u konsistenti ta' tlett darbiet fil- ġimgħa għal knis ta' kull triq inkluż tindif jew ħasil manwali jew l- użu ta' bowsers tal- ilma fejn meħtieġ u t-tindif ta' culverts tal- ilma tax- xita inkluż l-użu ta' bowsers biex jiftħu sadd fejn meħtieġ. Ma' dawn ġie inkluż il- ġbir minn kontenituri ta 'skart pubbliku jew tal- klieb minħabba li dan kien ġie eskluż mis-sejħa Reġjonali għal ġbir ta' skart domestiku. |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Konkluża 2022 | 5. Jiġi kunsidrat u Jibda ssir ħasil fit-toroq kull numru ta' ġimghat jew xhur. | Inkluża f'tender il- ġdid għal knis u tindif ta' toroq (fejn ikun hemm bżonn) |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 6. Laqgħat mas- sidien ta'stabbilimenti go diversi zoni kummerċjali bi skop ta' organizzazzjoni tal- ambjent madwarhom | Posposta |
| Proposta 30 ta 'Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 7. Skema ta' investiment fis-sena mill- komunità kummerċjali għall-aktar bins biex inaqqsu l-iskart mormi mill-attività tagħhom | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 8. Fejn hemm bżonn jinbidlu u jiżdiedu l-bins | Sa Novembru 2021 ġew mibdula 8 u żdiedu 4 bins u 13 liner. Il- bins ta' skart imħallat li kien hemm fuq il- promenade inbidlu wkoll ma' oħrajn ta' skart separat |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 9. Fejn hemm bżonn jinbidlu u jiżdiedu id- dog bins | Sa Novembru 2021 ġew mibdula jew weħlu 3 bins u 9 liners |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 10. Bins fil- ġonna li jistgħu jiġu wżati anke għar-reklamar inkluż dawk diġitali u jaħdmu bid- dawl | L-applikazzjoni konġunta mal-Kunsill Lokali ta'Xbiex biex go L-Imsida biex jiġu installati 2 solar compactor recycle waste bins ma'ġietx approvata. Saret ukoll applikazzjoni konġunta għal fondi biex jinxtraw smart bins bejn 12 il-kunsilli fi ħdan ir-Regjun lvant minn skema li tħabbret minn Malta Digital Innovation Authority (MDIA) għal proġetti innovattiva fi ħdan il- komunitajiet. Jekk din tkun milqugħa kull kunsill jingħata wieħed biex jitpoġġa fejn ikun meħtieġ. |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 11. Jiġu introdott trasport għall-komunità bejn is-Swatar u l- Imsida | Il-Kunsill Lokali applika għal skema maħruġa minn Transport Malta bi proposta ta' trasport sostenibbli permezz ta' shuttle van elettriku b'rotta fissa go toroq fil- Lokalità tal- Imsida, biss li ġiet approvata u maħsuba li tintroduċi dan is-servizz matul is-sena 2023. Il-Kunsill ġa pprepara is- sejħa għal tender biex jixtri van. |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 12. Jiġi introdott servizz ieħor ta' Trasport fil-Lokalità għal anzjani | Is-Servizz ta' Silver Team xorta se jibqa’ mplimentat għal fejn qed jiġi offrut. |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 13. Jinstab maħżen / work shop għal- xogħol tal-kunsill. | Saret applikazzjoni għal kiri ta’garaxx ġol-binja pubblika li qed tinbena go Triq Garcin biex jintuża bħala mħażen iżda din ma ġietx magħżula, l- kunsill se jkompli jfittex post addattat |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 14. Tikber il-binja tal-kunsill għall-bżonnijiet tal-lum bil-ħsieb ta'servizzi ġodda li għad jiġu introdotti | Għadu qed ssir ix- xogħol fuq il- BOQ li kellu bżonn jiġi rivedut minħabba li għollew bosta materjal u fil- Istess ħin qed ikun preparat id-draft finali għas- sejħa ta' tender maħsub li joħroġ matul is- sena 2023. Fil- Istess ħin il-kunsill għarraf uffiċjalment lil PA biex ssir ring fencing tad- development fund biex jintuża għal dan l-iskop |
| Proposti 15 ta' Dicembru 2020 | Jitkompla l- proċess | 16a.1 Assessment ta' toroq u programm ta' manutenzjoni tal-Bankini, bollards, tabelli u oħrajn | Saru xogħol ta' manutenzjoni fosthom kisi ta' bankina go Triq il-Balliju Guttenberg, Guze Ellul Mercer, Antonio Bosio u Triq il-Knisja. Sar ukoll xogħol komprensiv fuq il- bankina go triq Esperanto u Giuseppe Calleja Swatar. Ma dawn kien hemm xogħol ieħor li jinkludi patching ta' tarmak u sinjali fit- toroq. Kien hemm wkoll bosta installazzjoni ġodda jew tiswijiet ta' road humps jew tabelli għat-traffiku. (Ara wkoll proposti oħra relatati) |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 16.2 Triq Santa Venera (Rikostruzzjoni). | Matul is-sena 2022 kompla ix- xogħol ta' rikostruzzjoni tat- triq li kien konkluż |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Jitkompla l- proċess | 16.3 Triq Tal-Qroqq | Beda ix-xogħol go Triq Tal-Qroqq (Rikostruzzjoni). |
| Proposta 14 ta 'Dicembru 2021 | Jitkompla l- proċess | 16.3b Triq L-Zamenhof u Xmiexi | Għad rrid ikun magħruf meta se jibda ix-xogħol ta' Triq L-Zamenhof u Xmiexi (rikostruzzjoni). |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Jitkompla l- proċess | 16.4 Triq Bieb it-Torri | Beda ix-xogħol go Triq Bieb it-Torri (Rikostruzzjoni). |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Jitkompla l- proċess | 16.5 Talbiet u proposti lil IM biex ssir xogħol ta' rikostruzzjoni ta'toroq go L-Imsida | Ġew preżentati 12 it- triq urbana li jinkludu Triq Upper Rue Dargens,Triq San Lwigi, Triq C De Brocktorff, Triq E.H. Furse, Triq l- Isqof Caruana, Triq H. Calleja Schembri,Part of Triq Achille Ferris, Triq Mons Dandria, Triq il-Knisja, Triq Makna tas-Serrar, Triq it-Tabib Naudi, Triq Antonio Sciortino, Triq Misraħ il-Barrieri u Triq J. Borg li bejniethom jagħmlu 21,510 metru kwadru biex ikunu inklużi fil-pjan ta' hidma mfassal bil- ħsieb li dawn jiġu implimentati minn IM bejn is-sena 2023-2025. Aktar l' quddiem rappreżentanti mill- Aġenzija se jiltaqgħu mal- Kunsill Lokali tal-Imsida biex ikun diskuss pjan dettaljat għal implimentazzjoni. |
| Proposta 30 ta' 'Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 17. Fejn hemm bżonn jiżdiedu miżuri għal aktar sigurtà fit -toroq | Saret tiswija fuq diversi *road humps* u saru oħrajn ġodda go Wesgħet il- Kunsill Lokali Msida u Triq San Andrija Swatar |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 18.1 Triq Esperanto Msida | Sar xogħol ta'manutenzjoni u fejn kien hemm bżonn ukoll ta'rikostruzzjoni fil-bankina ta'Triq Esperanto |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 18.2 Triq G.Calleja Swatar | Waqt l- implimentazzjoni ta' proġett Slow Street go Triq G.Calleja Swatar ġiet osservata il- kundizzjoni tal- bankina li ma' kienetx aċċessibbli minħabba livelli ħżiena ta' bosta daħliet għal basement garax li kien hemm għalhekk kien deċiż li din ssir konformi u beda xogħol ta' manutenzjoni u fejn kien hemm bżonn ta' rikostruzzjoni fil- bankina. Ara ukoll 49.u |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Jitkompla l- proċess | 18.3 Ċirku tal-Imsida | Il- kunsilli lokali ppreżenta proposta għal tisbiħ gor- roundabout ta' Ċirku tal- Imsida permezz ta' skema għal fondi .SPI/SCI/9/2022, Din ġiet approvata |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Jitkompla l- proċess | 18.4 Ħsarat fil-kulverts go Triq ix-Xatt ta' Xbiex. | Il-Kunsill lokali għamel laqgħat ma' bosta entitajiet fosthom il- WSC, GHRC, Infrastructure Malta u l- MTIP dwar il- kulverts go Triq ix-Xatt Ta' Xbiex. Dawn għandhom ħsara estensiva u għandhom bżonn ta' rikostruzzjoni fejn Il- Kunsill qed jikkunsidra l-aħjar soluzzjonijiet biex tissolva l-problema |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 19. Programm biex jsiru il- marki ta' toroq darbtejn fis-sena, kunsiderazzjoni biex ssir sejħa għaltender biex dan ikun jista' ssir | Qed ssir mill- ħaddiema tal- kunsill fejn ikun meħtieġ |
| Proposta 30 ta'Settembru 2019 | Konkluża 2022 | 20. Programm ta' manutenzjoni għal-funtani , monument u siti oħra li jistgħu jsiru minn skemi | Matul is-sena kien konkluż x-xogħol fuq il-funtana go Rue'D Argen |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Jitkompla l- proċess | 20.1 manutenzjoni fuq il- funtana go Pjazza Victor Denaro | Saret applikazzjoni għal Skema SPI/SCI/5/2022 li tagħti finanzjament relatat ma' xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il- funtana go pjazza Victor Denaro |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 21. Ftehim għal-numru ta' snin sabiex nirranġaw il-funtani kollha u ssir manutenzjoni regolari fuqhom. | Beda ix- xogħol biex ssir manutenzjoni fis-sistema tal- funtani li hemm ġol monument tal- Ħaddiema. Għaddejjin ukoll diskussjonijiet biex restawr tal- monument Ara 85.2 |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 22. Introduzzjoni ta' Funtani ta' taħt l-art fejn jistgħu jsiru. | Qed tkun kunsidrata mal-Posposti oħra li jistgħu jkunu implimentata go l- ispazju pubbliku li ġie preżentat mal- pjan tal- proġett - Msida Creek. |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 23. Xogħol ta' tisbiħ li l-kunsill jista’ jikseb permezz ta' xogħol minn ħaddiema ta'entitajiet oħra | Il-kunsill għamel arranġamenti biex ssir aktar xogħol ta 'manutenzjoni go Misraħ San Guzepp u Misraħ 5 ta'Ottubru minn ħaddiema tal- FTZD |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 24. Naraw ukoll li jitwettaq il - proġett tal-fly over u Il-latrina pubblika tiġi mmodernizzata. | Matul is-sena 2022 gie preżentat għal konsultazzjoni il- proġett Msida Creek bi proposti ta' aktar spazju miftuħ għal użu pubbliku. Saru ukoll laqgħat bejn il- kunsill lokali u l-għaqdiet tal- lokal biex jiġu diskussi il- ħtiġijiet tagħhom u għal inklużjoni fil-proposti li qed se jkunu preżentati lil IM |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 25. Aktar konsultazzjoni u naraw li ssir ix-xogħol tal-promenade go Xatt Ta’ Xbiex. | Ix-xogħol tal-GHRC fuq il- promenade wasal fil- fażi finali u mistenni li jkun konkluż lejn l-aħħar ta'sena 2022 jew fl-ewwel ġimghat ta' 2023 |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 26. Embelisment ta' Ġnien Victor Denaro | Il-Kunsill Lokali ppreżenta applikazzjoni għal fondi minN skema proġetti sostenibbli imnedija mill- Ministeru għal Ambjent bi proposta ta' embellisment ta' Pjazza Victor Denaro li għada qed tkun kunsidrata |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 28. Issir xogħol go Sqaq Clarence | Il-Kunsill Lokali għandu l- istima ta' kemm dan se jiswa u għadu qed jikkunsidra dak li għandu jsir jew kif jista’ iġib il- fondi meħtieġa biex il- proġett jiġi mplimentat |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 29. Aktar aċċess fil- bandli u il-ġonna għal- nies bi bżonnijiet speċjali | Referenza 29.1 |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 29.2 Jinbidlu xi strutturi fil- bandli tal- Imsida u tiġi żarmata l- istruttura il- kbira biex tinbidel ma oħra aktar moderna u tkun tista’ ssir struttura addizzjonali .Ma dan se jinbidlu l-fanali u se jsiru CCTV ġodda. | l- applikazzjoni li għamel il- kunsill għal fondi minn skema SPI/SCI/2/2021 ġiet approvata u saret l- ordni u tlesta ix- xogħol biex tinbidel struttura li ġiet żarmata, saret waħda aktar moderna, żied struttura addizzjonali għal persuni bi bżonnijiet speċjali, inbidlu l- fanali u saru CCTV ġodda. |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 30. Tisbiħ ta' zona madwar fejn ġejja il-fly over b' aktar faċilitajiet. | Qed isiru diskussjonijiet u konsultazzjoni (.Ara proposta 24) |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 31. Proġett li jmur mal- afforestazzjoni tas- Swatar | Beda ix-xogħol fejn l-MCESD qed tieħu ħsieb tirranġa il-ħitan ta' sejjieħ |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Referenz a 33d | 33. Ħidma biex jinġabu aktar fondi biex jinbidel id-dawl fejn hemm bżonn | Ma kienx hemm proposta dwar dawl gdid u |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 34. Bike stands madwar il- lokal. | Ġiet żviluppata arja żgħira ħdejn il- bandli tas-Swatar li kienet addatta għal bike stands u li ma' tkunx qed tagħmel ostakolu fuq il-bankina |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 36. Naraw mal- WSC sabiex jitlesta ix- xogħol ta' drenaġġ fi Triq il-Wied u Xatt ta' Xbiex | Matul is-sena reġa' beda ix- xogħol fuq dan il-proġett li jinsab għaddej b' ritmu mgħaġġel u mistenni jkun konkluż kmieni matul is-sena 2023 |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 40. Jitwaqqaf Kunsill taz-Żgħażagħ | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 41. Jitwaqqaf Kunsill tat -tfal | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 42. Proġetti amalgamati ma' Systems of Knowledge. | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 43. Servizz ta' leżjonijiet lit- tfal | Referenza 43.1 |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Jitkompla l- proċess | 43.1 Proġett Ikber Magħna bil-għan li jgħin lit-tfal ta' bejn it-8 u l-10 snin fis-suġġetti tal- iskola tagħhom filwaqt li jkollhom ħin biex jissoċjalizzaw bejniethom, jaqraw u jilgħabu. | Sar MOU mal- Optimist Club of Malta li huwa organizzazzjoni volontarja li tifforma parti mill-Optimist International fejn qed isiru żewġt sessjonijiet fil- ġimgħa go l- uffiċju amministrattiv tal-kunsill |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Jitkompla l- proċess | 43.2 Mosiacs workshop | Matul is-sena be da wkoll Mosiacs workshop kull nhar ta' Sibt |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 44. Żjarat kulturali għar-residenti | Referenza 44.1 |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 44.1 Jum għat- tfal u harġiet kulturali għar-residenti | Bħala parti minn ġimgħa Imsida ġiet iddedikat ġurnata għat-tfal b' ħarġa għal- Esplora.Giet organizzata wkoll ħarġa kulturali għar-residenti f' bosta lokalitajiet bil-Hop on Hop off |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 45. Parteċipazzjoni kulturali | Saret l- ewwel purċissjoni ta' tfal b' sitt vari tal-Ġimgħa l- Kbira magħmula apposta. Saret ukoll il- purċissjoni tat- tfal b'San Guzepp. |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 46. Aktar parteċipazzjoni għall- inizjattivi ta' Long Life Learning | Minkejja l- Isforzi biex il- kunsill japplika għal diversi Korsijiet bħal SPI.SCI.4.2022 - Life Long Learning 2022/2023, mhux qed ikun hemm konkorrenza mir- residenti |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 48. Faċilitajiet għal self jew użu ta | Posposta |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | kotba mal- lokal (Out door Library). | |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 49. Sehem f’ iskemi li jistgħu jiġu introdotti minn żmien għal- ieħor. | Saru bosta applikazzjonijiet għall- fondi minn skemi differenti hawn taħt deskritti. |
| Proposti 15 ta' Dicembru 2020 | Jitkompla l- proċess | 49.e. Minn skema għal attivitajiet soċji kulturali jinxtraw sett ta' vari matul perjodu ta' żmien biex tkun inkluża f' kalendarju tal- Lokalità il- purċissjoni tat- tfal. | Saret l- ordni għat- tieni sett ta' vari u matul is-sena 2023 mistennija jkun lest l- aħħar set ta’ 3 vari |
| Proposti 15 ta' Dicembru 2020 | Konkluża 2022 | 49.g Minn skema għal għajnuna minn fondi tar- Regjun Ċentru jinxtraw packs b' maskli għal prekawzjoni Covid 19. | tkompla it- tqassim tal- maskli sakemm waqfu ir- restrizzjonijiet għal Covid 19 |
| Proposti 15 ta' Dicembru 2020 | Konkluża 2022 | 49.h Xiri ta' siġar u pjanti biex ssir aktar tħawwil go spazju u zoni oħra pubbliċi minn skema ta’ fondi ta’Ambjent Malta | Il- kunsill ħa xi pjanti li ġew imħawwla go ftit spazji fejn kien hemm bżonn iżda l- ammont li wasal ma' kienx daqs dak meħtieġ u qed jistenna sakemm ikun hemm skema oħra għal fondi |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 49.h (i) implimentazzjoni ta' infrastruttura ekoloġika go spazju u zoni oħra pubbliċi / urbani | Il- kunsill applika għal fondi minn skema ta' Ekoloġizzazzjoni Urbana tal- Kunsill Lokali 2022 biex ssir tisbiħ go' roundabout tac- Ċirku tal-Imsida. Din il-proposta ma'ġietx approvata . |
| Proposti 15 ta' Dicembru 2020 | Konkluża 2022 | 49.l Użu aħjar minn spazju pubbliku | konkluż il-proġett propost biex jintużaw fondi minn Skema governattiva għal Triq G.Calleja Swatar.(Slow Street) |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 49.n inizjattivi biex jinstabu fondi għal skop biex jkun hemm aktar infurzar għal abbużi. | Saret l- installazzjoni ta' CCTV go numru ta' hotspots finanzjati mill- fondi LESA għall- Proġetti fil- Komunità u kameras oħrajn parti finanzjati mill- Greenpak mal- bring-in-sites li se jkunu sorveljati mill- LESA. Dawn saru go Triq Victor Denaro k/m F.S Caruana, Triq Kunċizzjoni k/m it- Torri, Ċirku Msida, Triq il-Kunzar, Triq tal-Hriereb k/m Nazju Falzon , il-bring-in-site tas-Swatar, Triq Box Box, Triq Oscar Zammit k/m Misraħ il-Barrieri ,Triq il-Qawsalla u bring-in-site ta' Triq Victor Denaro. |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 49.p(i). Tqassim ta'vouchers għal cat feeders | Minħabba li ma' kienx hemm skema għal fondi governattivi il- kunsill lokali ħa inizjattiva biex jgħin lil cat feeders b’ programm tiegħu għat- tqassim ta'v vouchers |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 49.s Fondi Regjun Lvant – Kollaborazzjoni mal-Ghaqdiet fil-Lokalita’ | *Kumitat festa esterna San Guzepp biex ssir xogħol ta’manutenzjoni fuq il-bejt tal-maħżen, *Msida Youth Nursery biex jinxtara printer, *Għaqda Melita Banda San Guzepp biex ssir |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | irħama kommemorattiv f’ għeluq il- 100 sena anniversarju minn meta twaqqfet. |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 49.t Fondi Regjun Lvant PROĠETTI KULTURALI, SPORTS, MUŻIKA, JUM IL-LOKAL, BANED | Organizzazzjoni tal- konferenza Europe of Diversity: Integration and Socialization of Migrants, Attivitajiet marbuta mal- Ġimgħa Imsida u Xmas Village 2022, Attivitajiet marbuta ma’ Sajf fil-Pjazza, Avvenimenti u Sports marbuta ma’ attività tal- anzjani, sport u sigurtà waqt il- festa lokali. |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 49.u Fondi Regjun Lvant PROĠETTI TA’ TITJIEB FIL-LOKALITA’ | Biex tarġa ssir il- bankina go Triq Esperanto |
| Proposta 14 ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 49.v Fondi Regjun Lvant XIRI JEW KIRI TA’ TIŻJIN TAL-MILIED | Għal dekorazzjoni tad- dawl go triq f' Rue D'Argen u fairy lights għas- siġar f' Misraħ San Guzepp |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 50. Aktar reklamar / Promozzjoni għall-inizjattivi ta’ tagħlim għan- nies adulti jew b’bżonnijiet speċjali inkluż tfal. | Saret kollaborazjon bejn il- kunsill u l- FSWS ghal- kampanja ohloq tbissima u saru diskussjonijiet dwar aktar koperazjoni fosthom il- problema ta' persuni li jorqdu barra |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 51. Aktar koordinazzjoni ma’- Ċentru Leap u FSWS. | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 52. Issir ħidma mill-kunsill biex entitajiet jew għaqdiet konċernati jikkunsidraw il-possibilità li jiftħu night shelter go l-Imsida. | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 53. Issir ħidma mill- kunsill biex entitajiet jew għaqdiet konċernati jikkunsidraw il-possibilità li jiftħu u jamministraw Fond Bank go l-Imsida. | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 54. Kids Corner fil-kunsill. | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 55. kotba tat-tpinġija għat- tfal b’tema ambjentali jew tal-lokali (Imsida) | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 56. jiġu mġedda jew mibdula il-bye laws eżistenti biex jirriflettu il- bżonn tal- lum u introdotti oħrajn fosthom fuq użu ta’ alkoħol fit-toroq tal-Lokalità. | Il-kunsill iddiskuta emendi lbiex ikun definit li l- arja wżata mid- dgħajjes (l-iskall) li huwa devolut lill Kunsill Lokali għalhekk huwa l-amministratur legali. Saret ukoll laqgħa ta' konsultazzjoni mal-għaqda tad- dgħajjes u sajjieda Imsida biex iwasslu il- proposti tagħhom għal kunsiderazzjoni tal- Kunsill Lokali . |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 57. Fil-qafas ta'( SL.65.13 ),Jiġi studjat fuq livell Reġjonali jew lokali l-possibilità biex jiġi ntrodott servizz ta' towing għal- vetturi li jinsabu fit- toroq b' mod illegali | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 58. Laqgħa annwali ta' konsultazzjoni ma-l-għaqdiet bil-għan li ssir kalendarju annwali tal-attivitajiet tagħhom flimkien ma' dawk tal-kunsill | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 59. Clean up day u għoti ta-demm fil-kalendarju tal-komunità lokali | F'Settembru saret Cleanup The World Campaign 2022, fejn kien hemm numru sabiħ ta' parteċipanti li huma membri fi ħdan il-komunitajiet tal-Bangladesh u Filippini li flimkien ma' voluntiera oħra taw is- sehem tagħhom biex jitnaddaf is- sit tal- ġibjun go Triq il- Wied. Din kienet f'finanzjata minn skema ta'fondi SPI/SCI/7/2022. |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 60. Kompetizzjoni għall-isbaħ Roof Gardens u Front Gardens | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 61. Ġonna għal-komunità bi-iskop li jieħdu ħsiebhom ir-residenti. | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 62. Ġurnata bla karozzi u ssir attività sportiva. | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 63. Attivitajiet kull xahar għal- anzjani | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 64. li ssir Għaqda tan-nanniet | Ġie iffirmat MOU ma' Nanniet Malta li bħala hub ġdida go L-Imsida se jimplimentaw programm ta' laqgħat u attivitajiet fil- bini tal-kunsilli lokali kull nhar ta' Erbgħa filgħaxija god- day centre u jinkludi wkoll attivitajiet soċjali u safar. |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 65. Attività ta' ċelebrazzjoni għal-anzjani li jkunu twieldu matul ix-xahar u kartolina. | Attivitajiet Posposta. Il-kartolina baqgħet tintbagħat |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Posposta indefinita | 66. Attività speċjali god- dar tal- Anzjani | Posposta ndefinita minħabba li dar għal anzjani għalqet biex jibda xogħol ta' żvilupp |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 67. ikla tal- Milied għal- anzjani weħidhom | Posposta |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 68. Kunċert mużikali għal żmien il- Ġimgħa l-Kbira | Posposta |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | | 69. Attività għal żmien il- Milied | Saret proposta biex ssir attività ta’ Xmas Market, kant u żfin nhar il-'11 ta' Diċembru go Misraħ San Guzepp. Il-kunsill se jmexxi jekk jippermetti it- temp Ara ukoll 49.t |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Jitkompla l- proċess | 70. Esibizzjonijiet ta’ talenti u delizzji | Bħala parti minn programm ta' attivitajiet marbuta mal- Ġimgħa l- Kbira saret wirja sagra fil- bini amministrattiv tal- kunsill fil-ġimgħa mqaddsa. |
| Proposta 30 ta' Settembru 2019 | Konkluża 2022 | 71. Laqgħat mal- komunitajiet u attivitajiet | Saret laqgħa ma' rappreżentat għal- Beyond Light ( Visual Non-Visual Network) u laqgħa introduttorja b' tema Nilħqu l-Komunitajiet tal-Immigranti organizzata mid-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem mal-Kunsill Lokali tal-Imsida |
| Proposta 1 4ta' Dicembru 2021 | Konkluża 2022 | 71.1 Solidarjetà mal- komunitajiet | wara l-aħbar ta' telfa traġika ta' membru mill-Komunità Nepaliża f'Malta il- Kunsill tefa post fuq il-paġna FB tiegħu biex jesprimi s-simpatija u jappoġġja sforzi biex jinġabru fondi sabiex jirritornaw u jagħmlulu funeral xieraq. Għal dan il- għan saret attività sportiva (one day football tournament) għal ġbir ta’ fondi mill- Imsida St Joseph Football Club ġewwa Kulleġġ San Gorg Preca Education Hub bil- kollaborazzjoni tal- Kunsill Lokali l-Imsida. |
